# *I L-W A Q T*

## Sunett ta' E. AGIUS

*Għal xi nies tista' f'kemm hi twila ħajthom*
*Qatt ma ddoqq it-trumbetta li ssiħilhom*
*Mill-ħwejjeġ ta' kuljum għalbiex għemilhom*
*Ikun għal darba ikbar minn ċkunithom.*

*Iżda jekk tiġi għalik is-sejħa kbira*
*Minn dik in-naħa fejn ix-xorti tridek,*
*Tħoss li tassew missejt is-sema b'idek,*
*Jekk tagħraf twieġeb b'ħila li mhix fqira.*

*Bħal m'hu għan-nies, hu wkoll għal art twelidhom,*
*Li sekli tista' ddum fid-dlam mistura,*
*Biex f'daqqa tfeġġ fid-dwal l-iżjed qawwija:*
*Ma nixbax ngħid kemm iddum ħajja fija,*
*Kif Malta, arti, sfat bil-ġieħ sinjura,*
*Xħin żewġ għedewwa kbar hi żgħira għelbithom.*